# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, 2020**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 703/20JRM**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1059/2016 fl-ismijiet:

**GSD MARKETING LIMITED (C – 3774)**

vs

**JADE LIMITED (C – 9145)**, John Tanti u Beverley Jane Tanti

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutata Beverly Jane Tanti fil-11 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, hija talbet li din il-Qorti tħassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi fuq is-saħħa ta' dak li trid il-liġi fl-artikolu 381(1)(a) u 382(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għal dak li jirrigwarda s-salarju li ddaħħal mill-impieg tagħha, bl-ispejjeż kontra l-kumpannija intimata eżekutanti u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra lilha spettanti fil-liġi;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti GSD Marketing Limited fid-9 ta' Settembru, 2020, li biha laqgħet għat-talba tal-eżekutata billi, fl-ewwel lok, ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li, bis-saħħa ta' Nota li hija ressqet fl-atti tal-Mandat fl-14 ta' Frar, 2017, hija kienet bidlet il-Mandat minn wieħed kawtelatorju għal wieħed eżekuttiv. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talba ma jmisshiex tintlaqa' għaliex dan ma huwiex l-ewwel tentativ tal-eżekutata biex titlob it-tħassir tal-Mandat – liema talba ma ntlaqgħetx għal kollox – u ma wrietx li, minn dakinhar, kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi u r-rikorrenti ma ġabitx provi tajbin biżżejjed biex iwasslu lil din il-Qorti biex tħassar il-provvediment li ngħata qabel. Fit-tieni lok, tgħid li l-eżekutata hija garanti tad-debitriċi eżekutata ewlenija u baqgħet ma ħallsitx id-dejn tagħha u l-imgħaxijiet miġmugħa, u dan minkejja li l-kreditu jinsab kanoniżżat b'sentenza li ilha li ngħatat aktar minn tliet snin ilu. Fit-tielet lok, minħabba li l-eżekutata nnifisha ilha ma tħallas lura mid-dejn miġmugħ għal bosta xhur;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll dawk tal-Mandat li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Awwissu, 2020, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' Mandat esekuttiv għar-raġuni li l-parti eżekutata tgħid li l-Mandat qiegħed iċaħħadha mill-ammont ta' paga li l-liġi tgħid li ma jistax jinqabad b'sekwestru, u kif ukoll minħabba li hija teħtieġ li jkollha f'idejha l-biċċa sekwestrabbli tal-paga tagħha minħabba n-nefqiet li hija għandha biex tlaħħaq mal-ħajja;

Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija intimata eżekutanti twarrab din it-talba u tgħid dan ma huwiex l-ewwel tentativ tal-eżekutata biex titlob it-tħassir tal-Mandat – liema talba ma ntlaqgħetx għal kollox – u ma wrietx li, minn dakinhar, kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi u r-rikorrenti ma ġabitx provi tajbin biżżejjed biex iwasslu lil din il-Qorti biex tħassar il-provvediment li ngħata qabel. Fit-tieni lok, tgħid li l-eżekutata hija garanti tad-debitriċi eżekutata ewlenija u baqgħet ma ħallsitx id-dejn tagħha u l-imgħaxijiet miġmugħa, u dan minkejja li l-kreditu jinsab kanoniżżat b'sentenza li ilha li ngħatat aktar minn tliet snin ilu. Fit-tielet lok, minħabba li l-eżekutata nnifisha ilha ma tħallas lura mid-dejn miġmugħ għal bosta xhur;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti ewlenin marbutin mal-każ jirriżulta li b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-16 ta' Jannar, 2017[1], l-eżekutat u martu (flimkien mal-kumpannija eżekutata Jade Limited) kienu flimkien u solidalment bejniethom ordnati jħallsu lill-kumpannija intimata eżekutanti (minn issa 'l hemm imsejħa "GSD") s-somma ta' tnejn u erbgħin elf tmien mija u ħamsa u sittin euro u ħdax-il ċenteżmu (€42,865.11) bilanċ għall-kreditu kostitwit b'att pubbliku nutarili u l-bilanċ ta' prezz ta' bejgħ u kunsinna ta' xorb mibjugħ, flimkien mal-imgħax kif mitlub, sal-jum tal-ħlas effettiv, u l-ispejjeż tal-kawża. Minn dik is-sentenza ma tressaqx appell u llum tikkostitwixxi ġudikat;

Illi fil-15 ta' Lulju, 2016, GSD kienet talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju mertu ta' din il-proċedura, sewwasew b'ħarsien tal-pretensjoni ta' kreditu li hija kellha kontra l-eżekutati u li kienet l-istess somma kanoniżżata bis-sentenza fuq imsemmija. It-talba ta' GSD intlaqgħet dakinhar li saret, u l-Mandat, għall-ewwel, inħareġ fir-rigward ta' tmien (8) sekwestratarji, il-biċċa l-kbira minnhom banek kummerċjali, u fl-24 ta' Lulju, 2017, żdied sekwestratarju ieħor;

Illi dakinhar li ngħatat l-imsemmija sentenza, dik l-istess Qorti tat ukoll provvediment li bih[2], u fuq talba mressqa mill-eżekutata Beverley Jane Tanti b'rikors tagħha tat-8 ta' Novembru, 2016, ordnat li, fir-rigward tal-istess eżekutata, il-Mandat għandu jibqa' jgħodd biss għall-ammont li jaqbeż is-somma ta' € 698.81 kull xahar mis-salarju tagħha;

Illi r-rikorrenti eżekutata jidher li taħdem f'lukanda bħala *waitress* b'salarju gross ta' disa' mija u tmienja u sebgħin euro (€ 978) kull erba' ġimgħat[3]. Minn dak li joħroġ mill-atti, jidher li r-rikorrenti eżekutata llum tgħix għal rasha mill-eżekutat l-ieħor f'post li hija tikri fl-Imġarr[4];

Illi fl-14 ta' Frar, 2017, GSD kienet qalbet l-imsemmi Mandat f'wieħed eżekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 838B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi fil-11 ta' Awwissu, 2020, l-eżekutata fetħet din il-proċedura;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ irid jingħad illi din il-Qorti diġà wriet f'għadd ta' deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din li hija tal-fehma li l-għan li għalih iddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att

[1] Rik. Nru. 582/16JŻM (mhix appellata)
[2] Rik. Nru. 1019/16JŻM
[3] Dok "B", f'paġ. 7 tal-atti
[4] Dokti "Ċ", "D" u "E" f'paġġ. 9 sa 13 tal-atti

eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[5]. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-Mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[6]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[7]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

Illi l-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru jgħoddu wkoll fil-każ tal-Mandat mertu ta' din il-proċedura. Dan qiegħed jingħad għaliex, għalkemm il-Mandat kien għall-ewwel inħareġ bħala wieħed kawtelatorju, wara l-għoti tas-sentenza li ikkanonizżat il-kreditu, inbidel f'wieħed eżekuttiv bil-mod

[5] Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***
[6] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)
[7] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

maħsub fl-artikolu 838B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, fil-każ tallum, għandu jitqies daqslikieku l-Mandat inħareġ bħala wieħed eżekuttiv mill-ewwel;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata qiegħda tressaq talba mhux daqstant għat-tħassir tal-Mandat iżda għat-tħassir tal-eżekuzzjoni tiegħu, u dan safejn jolqot lilha. Għal dan hija tinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-artikolu 382(1) u tal-artikolu 381(1)(a) tal-istess Kodiċi. Hija tgħid li, bis-saħħa tal-Mandat maħruġ, qiegħda tinżammilha l-paga u, b'dan il-mod lanqas qiegħda tlaħħaq mal-infieq li ta' kull xahar qiegħed ikollha biex tista' tgħix sewwa;

Illi l-Qorti jidhrilha li qabel ma tgħaddi biex tqis jekk it-talba tar-rikorrenti eżekutata jistħoqqilhiex tintlaqa', ikun xieraq li tagħmel kunsiderazzjoni dwar l-għan li għalih l-istess eżekutata ressqet it-talba tagħha;

Illi l-kwestjoni li tqum hija jekk kemm-il darba r-rikorrenti messhiex inqdiet bir-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281, ladarba qiegħda titlob biss li titħassar l-eżekuzzjoni tal-Mandat maħruġ minn GSD safejn dak il-Mandat laqat u għadu jolqot il-paga tagħha;

Illi huwa aċċettat li l-kwestjoni tas-siwi tal-Mandat maħruġ u s-siwi tal-eżekuzzjoni tiegħu huma ħwejjeġ differenti minn xulxin. Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi[8]. Min-naħa l-oħra, it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx taħt ir-rimedju mogħti fl-artikolu 281[9];

Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf[10];

Illi jagħti 'l wieħed x'jargumenta bis-sħiħ jekk l-eżekuzzjoni ta' Mandat għandhiex titqies bħala parti essenzjali mill-istess Mandat. U dan jista' wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju mogħti fi kliem l-artikolu 281 lil "xi persuna oħra interessata". Fl-istess waqt, il-Qorti tagħraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati tagħna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat eżekuttiv mhux dejjem jaqblu[11]. Madankollu, il-fehma ta' din il-Qorti hi li l-proċedura tal-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-

[8] P.A. GCD **28.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Gianfranco Tolio vs Danuta Komarzynic***
[9] App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kolez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)
[10] Ara P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża ***Terranet Limited vs Linknet Limited et***
[11] Ara, per eżempju, P.A. GC **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Car Care Products Ltd vs John Buġeja et*** (li ma aċċettatx li l-art 281 jista' jintuża biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni tal-Mandat) u P.A. AE **2.8.2011** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Alan Bartoli noe vs A Gatt Trading Ltd et*** (fejn l-art 281 tħalla jintuża biex jattakka eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid fuq ħwejjeġ li ma kinux tad-debitur eżekutat)

eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, toħroġ ukoll mill-fatt li r-rimedju mogħti mil-liġi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv[12] (jiġifieri bi proċedura kontenzjuża "normali") kien jeżisti sa minn qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A). Wieħed ma jridx jinsa li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura mhuwiex ir-rimedju waħdien li jista' jingħata "taħt din il-liġi jew xi liġi oħra"[13];

Illi f'kull każ, jidher li r-raġunijiet li r-rikorrenti eżekutata tressaq biex titlob it-tħassir tal-Mandat diġà kienu ssemmew meta hija kienet ressqet talba bħal dik tagħha tallum fiż-żmien meta l-kawża kienet għadha miexja. Dwar dik it-talba, din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet tat il-provvediment xieraq dakinhar li tat is-sentenza fil-kawża fil-mertu;

Illi huwa minnu li l-liġi tgħid li ma jistax jinħareġ Mandat ta' Sekwestru fuq il-paga (magħdudin il-bonus, *allowances*, sahra u ħlasijiet oħrajn) tal-persuna sekwestrata. Din ir-regola ma tgħoddx fejn is-sekwestru jinħareġ minn kreditur tal-eżekutat u dan fuq kull ammont tal-paga li jaqbeż is-somma ta' sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 698.81) kull xahar;

Illi GSD ma talbitx il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru fuq il-paga tar-rikorrenti eżekutata, u, l-kumpannija li magħha hija impjegata mhijiex waħda mis-sekwestratarji fil-Mandat. Li jiġri huwa li l-paga tal-eżekutata tidħol direttament b'*direct transfer* mill-imgħallem tagħha għal ġo kont bankarju. Inzerta li l-kont bankarju jinsab f'idejn wieħed mill-Banek kummerċjali li ssejħu bħala sekwestratarji fil-Mandat mertu tal-każ;

Illi GSD targumenta li ladarba l-paga tintbagħat direttament f'kont bankarju ta' impjegata, il-fondi jsiru parti mill-assi f'tali kont u ma jibqgħux aktar jingħarfu skond l-għajn li minnu jitnisslu[14]. Għalkemm il-Qorti tara li dan jista' joħloq diffikultà minħabba l-prattika mifruxa li teżisti fejn salarji, pagi jew pensjonijiet jintbagħtu direttament f'kont bankarju, jidher li l-qagħda legali fejn jidħlu l-effetti ta' Mandati ta' Sekwestru ma tħallix għażla lis-sekwestratarju li jrid joqgħod għall-ordni ta' Qorti. Dan jitlob lill-parti li tkun intlaqtet b'Mandat bħal dak li tagħmel arranġamenti mal-prinċipal tagħha jew id-dipartiment li jkun li l-ħlas dovut jingħata direttament lill-impjegat jew lill-benefiċjarju;

Illi fil-każ tal-lum, u minħabba l-provvediment mogħti fis-16 ta' Jannar, 2017, l-eżekutata jidher li qiegħda tirċievi dik il-parti mill-paga tagħha li

---

[12] Ara art. 276 tal-Kap 12
[13] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd***
[14] P.A. JZM **6.4.2017** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Emanuel Żammit et*** (mhux appellat)

hija meħlusa mill-effetti tal-Mandat. Bil-proċedura li nediet illum, qiegħda ttenni t-talba tagħha li l-paga kollha tagħha tinħeles mill-effetti tal-Mandat;

Illi f'dan ir-rigward, għandu jingħad li l-liġi[15] tipprovdi li l-paga ta' persuna tista' tkun suġġetta għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru fejn it-talba ssir minn kreditur u fejn il-kreditu jkun ir-riżultat ta' sentenza jew titolu eżekuttiv ieħor;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ ċar li l-eżekutata għandha nefqiet rikorrenti biex tlaħħaq mal-ħajja tagħha. Madankollu, ma ntweriex li dawk in-nefqiet ma kinux isiru xorta waħda dakinhar li ngħatat l-provvediment minn din il-Qorti f'Jannar tal-2017. Lanqas ma ntwera li kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi tal-istess eżekutata minn dakinhar sal-lum;

Illi, min-naħa l-oħra, is-sentenza li ngħatat fil-mertu sabet li hija debitriċi ta' GSD u dan b'mod solidali mal-kumpannija Jade Limited u ma' żewġha. Fi kliem ieħor, hija għandha wkoll ċerti rabtiet u obbligi lejn GSD xi twettaq. Dan ma jfissirx li l-eżekutanti GSD trid tabilfors titħallas il-kreditu kanoniżżat minn fuq dahar l-eżekutata, imma lanqas ma jfisser li l-eżekutata tista' teħles minn dawk ir-rabtiet billi l-Mandat jitħassar fil-konfront tagħha;

Illi, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li l-provvediment mogħti fis-16 ta' Jannar, 2017, għandu jibqa' fis-seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti** eżekutata għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1059/16 maħruġ kontriha mill-kumpannija intimata eżekutanti, **bl-ispejjeż** kontra l-istess rikorrenti eżekutata.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**25 ta' Settembru, 2020**

[15] Art. 382(1) tal-Kap 12